**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR201281** **06.07.2020**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

***Żmien ideali biex inqawwu lil Malta bħala bażi għall-ittestjar ta' innovazzjoni teknoloġika – Carmelo Abela***

Il-Ministru Carmelo Abela jisħaq biex l-MCESD ikun iktar proattiv u rilevanti, fosthom b'diskussjoni dwar kif f'Malta tista tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala post fejn jiġu ttestjati soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda qabel jittieħdu fi swieq akbar. Dan seħħ waqt laqgħa fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) bejn il-gvern u rappreżentanti tal-ħaddiema u min iħaddem. Matulha, ġie diskuss is-sehem tal-imsieħba soċjali fit-trasformazzjoni diġitali ekonomika ta' pajjiżna, li hi deskritta mill-Ministru Carmelo Abela bħala l-ekonomija tal-futur li diġà qegħda magħna. L-ekonomija diġitali u l-bini tal-ekonomija Maltija li hi sostenibbli u reżiljenti ġew identifikati bħala t-tip ta' ekonomiji li jistgħu jgħinu sabiex jekk il-pajjiż jerġa' jiġi milqut b'xokkijiet esterni, il-pajjiż ikun jiflaħ għalihom.

Il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru responsabbli mid-djalogu soċjali semma' kif, min-naħa tiegħu, diġà kellu diversi laqgħat mas-sħab soċjali u kienu ħafna minnhom li esprimew ix-xewqa li Malta tiġi ppożizzjonata b'mod simili, bħala Beta island. Il-kunċett ta' Beta island huwa wieħed li permezz tiegħu f'Malta jiġu ttestjati proġetti teknoloġiċi innovattivi qabel ma jibdew jiġu offruti fi swieq akbar. Malta hija diġà magħrufa bħala 'test base' f'diversi oqsma, inkluż fejn fil-passat intużat bħala suq inizjali anke fil-qasam tat-telefonija ċellulari u teknoloġiji oħrajn. Il-Ministru Abela nnota kif wieħed irid jirrikonoxxi l-kompetizzjoni qalila f'dan is-settur fuq livell internazzjonali.

Fi kliem il-Ministru, "Madanakollu, il-Malti dejjem kien innovattiv. Għaldaqstant, inħeġġiġkom biex tikkontribwixxu għad-diskussjoni tal-lum, imma wkoll biex tibgħatulna r-rispons tagħkom ħalli naraw li l-irwol tal-MCESD, kif deskritt mill-liġi, qiegħed jitwettaq kif imiss."

Meta kien qed jitkellem fuq il-qasam diġitali, qal kif dan jista' jintuża biex jiddiversifika l-ekonomija Maltija, billi jsir b'investimenti akbar f'setturi bħall-intelliġenza artifiċjali, il-blockchain, cryptocurrency, l-internet of things u anke teknoloġiji b'rabta mas-settur tal-ispazju. Apparti hekk, semma' fuq l-importanza li tiġi utilizzata l-innovazzjoni fejn, għalkemm ir-rendiment tagħna bħala Malta qed jitjieb, għad fadlilna wkoll ħafna x'nagħmlu. B'mod konkret, hawn huwa semma' l-possibilita` fejn jiġu ttestjati proġetti pilota f'pajjiżna u dawk li jaħdmu jiġu implimentati f'pajjizi oħra.

Waqt l-intervent tiegħu, il-Ministru Carmelo Abela semma' kif il-gvern qed iħares lejn id-diversifikazzjoni, mhux biss tal-ekonomija imma wkoll tas-sħab kummerċjali tagħna. Qal kif il-gvern diġà ħabbar li se jgħin lin-negozi bbażati f'Malta jesportaw lejn partijiet differenti tad-dinja, fosthom l-Afrika u l-Amerika Latina. Tkellem kif hu qed iħares ukoll lejn id-diversifikazzjoni tas-sħab



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

kummerċjali ħalli jinbnew relazzjonijiet li jekk 'il quddiem niġu bżonnhom, minħabba li jkun hemm problema fil-ktajjen tal-provvista (supply chains), bħal ma ġara f'pajjiżi oħra, dawn ikunu jistgħu jiġu utilizzati.

Il-Ministru Abela għamel referenza wkoll lejn il-qasam tal-iżvilupp sostenibbli, fejn hawn il-ħsieb hu li jsir irkupru ekonomiku marbut mal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli 2030. Fakkar kif f'dan ir-rigward, fl-aħħar statistika li ħarġet aktar kmieni din is-sena, Malta tinsab fit-32 post minn 166 fejn jidħlu dawn il-miri.

Fil-konklużjoni tiegħu, il-Ministru Carmelo Abela rringrazzja lis-Sur John Bencini tat-tmexxija tiegħu tal-MCESD, f'dawn l-aħħar seba' snin. Semma' kif taħt is-Sur Bencini, intlaħqu diversi miri u dan poġġa bażi soda għal-ħidma u t-titjib li ser ikompli fi ħdan il-Kunsill, inkluż fil-qasam operattiv tiegħu.

L-ekonomisti Kirsten Cutajar Miller u Kearon Bruno għamlu preżentazzjonjiet tekniċi fuq x'għandhom x'joffru lill-pajjiż, l-ekonomija sostenibbli u diġitali. Huma tkellmu wkoll fuq niċeċ ekonomiċi ġodda li l-pajjiż jista' jesplora u kif tista tiġi maħluqa pjattaforma għal preparazzjoni b'dan il-għan. Dan filwaqt li s-setturi ekonomiċi tradizzjonali bħal dak fit-turiżmu, jkomplu jifjorixxu. Qalu kif it-tisħiħ f'dawn iż-żewġ oqsma jgħin sabiex il-pajjiż jibqa' jkun kompetittiv ma' pajjiżi ferm ikbar minnha.